MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 1176/2011

**Mario Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta AME Health and Safety Services Limited**

**Vs**

**AF Ellis (Home Decor) Limited; MC Restauri di Miloro Corradina; Id-Direttur, Restoration Unit fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali ghal kull interess li jista' jkollu**

Din is-sentenza tittratta l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Restawr li permezz taghha ddikjara li m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex m'ghandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-attrici.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-25 ta' Novembru 2011 l-attrici ppremettiet li:-

1. AF Ellis u MC Restauri kienu nghataw tender datat 9 ta' Settembru 2010 (riferenza numru : CT3053/10) ghal

xoghol ta’ restawr fil-fortifikazzjoni Landfront, Cittadella, Ghawdex.

2. L-attrici hi licenzjata biex taghmel xoghol relatat mas-sahha u sigurta tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol.

3. Il-kumpanniji konvenuti kienu nkarigawha biex taghti s-servizz taghha ghal dak li jirrigwarda s-sahha u s-sigurta tal-haddiema, inkluz thejjija ta’ dokument li kien indispensabbli sabiex sar it-tender.

4. Il-kumpanniji konvenuti rebhu l-kuntratt, inkluz il-partecipazzjoni tal-attrici fil-process.

5. Il-konvenuta MC Restauri di Miloro Corradina tippretendi li l-attrici ghandha dritt tithallas biss ghax-xoghol ta’ thejjija tad-dokumenti relatati mat-tender. Min-naha ta’ AF Ellis (Home Decor) Limited tippretendi li m’hijiex debitrici tal-attrici.

6. L-attrici spiccat inqalghet mill-progett meta tali agir hu kunsidrat bhala ksur lampanti tal-kundizzjonijiet tat-tender.

Ghalhekk l-attrici qeghda titlob li:-

i. Is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom agixxew b’nuqqas serju fil-konfront tal-attrici meta nqalghet ‘il barra mill-progett.

ii. Tillikwida s-somma dovuta lill-attrici bhala dani li sofriet minhabba l-imsemmi agir.

iii. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu s-somma li tigi hekk likwidata.

Il-partijiet inghataw l-opportunita li jressqu provi dwar l-ewwel eccezzjoni.

Minn qari tar-rikors guramentat jidher li l-bazi tal-azzjoni tal-attrici hi li ssostni li nghatat sub-appalt biex tippartecipa fit-tender billi *‘….tippresta servizzi fuq dak li jirrigwarda s-sahha u s-sigurta tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol u servizzi ohra relatati, nkluz it-thejjija tad-dokumenti li kienu indispensabbli sabiex seta’ jigi sottomess it-tender odjern…..’*, u li sussegwentement l-attrici *‘inqalghet arbitrarjament u kompletament ‘il barra ….. mill-progett.’*.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Jirrizulta li :-

(a) L-offerta ghax-xoghol ta’ restawr saret minn MC Restauri u AF Ellis (Home Decor) Ltd. Id-Direttur tar-Restawr qatt ma ghamel kuntratt mal-attrici. Fil-fatt il-

kuntratt kien iffirmat fil-15 ta' Novembru 2010 mid-Direttur Generali tal-Kuntratti ghan-nom tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, u fit-12 ta' Novembru 2010 minn MC Restauri (fol. 46). Ghalkemm fil-bidu tal-kuntratt A F Ellis (Home Decor) Ltd tissemma bhala wiehed mill-kuntratturi, ma jirrizultax li l-kuntratt gie ffirmat minn rapprezentant taghha.

(b) Hu minnu li t-*tender document* kien jipprovdi ghal *'a preliminary risk assessment which shall be elaborated upon, prior to commencement of works by the contractor if awarded the contract.'* [klawzola 16.1(e)(iv)(b)]. Fil-fatt sar risk assessment mill-attrici. Madankollu dan ma jfissirx li d-Direttur tar-Restawr dahal f'xi relazzjoni kuntrattwali maghha. Anzi hu evidenti li l-obbligu kien fuq il-kuntrattur.

(c) Hu evidenti li l-attrici ghamlet rapport ghal AF Ellis (Home Decor) Ltd u MC Restauri fuq inkarigu taghhom u jekk sehh xi ftehim dan kien ma' dawn il-konvenuti. Fil-fatt f'dikjarazzjoni li ghamel Mario Camilleri fid-19 ta' Lulju 2010, direttur tal-kumpannija attrici, qal: *"We furthermore confirm that A.F. Ellis Home Decor Ltd and MC Restauri di Miloro Corradina has mandated us with offering services for implementing the following **health and safety consultancy** in relationship to environment and occupation risks: 1. Act as the Occupational Health & Safety consultants; 2. Update the company health and safety policy and procedures; 3. Carry out specific tool box meetings amongst employees prior to external projects; 4. Carry out Health & Safety Risk Assessment Reports; 5. Provide all necessary training to Management, employees and new recruits."* (fol. 150). F'dan id-dokument l-attrici ddikjarat li kienet giet appuntata bhala **konsulent** tal-kuntrattur. Fil-fatt f'dikjarazzjoni ohra datata 26 ta' Lulju 2010 (fol. 151), iffirmata mill-attrici u l-avukat Ellis ghall-kumpanniji konvenuti, gie kkonfermat li l-attrici ghamlet *health and safety risk assessment* u li *"The Client Mr. Joseph Ellis, on behalf of A.F. Ellis Home Decor Ltd and MC Restauri di Miloro Corradina shall implement all control measures as reasonable practicable mentioned in the occupational health and safety risk assessment. In circumstances where work process are changed and in the case of staff turnover, the risk assessment shall be reviewed accordingly."*. Il-lanjanza tal-attrici hu li nghatat

sub-appalt mill-konvenuti biex taghti servizzi dwar is-sahha u s-sigurta tal-haddiem fil-post fejn kien ser isir ix-xoghol. F'dan ir-rigward il-qorti tirreferi ghall-verbal tas-seduta tas-17 ta' Mejju 2012 fejn id-difensur tal-attrici ddikjara li fejn fir-rikors guramentat jinghad *'socjetajiet konvenuti'*, dan jinkludi d-Direttur tar-Restawr. Madankollu minn dawn id-dikjarazzjonijiet li ffirma Mario Camilleri, hu car hafna li d-Direttur tar-Restawr ma ta l-ebda sub-appalt lill-attrici.

(d) Fil-kuntratt jinghad li *"The contractor shall be required to appoint an Occupational Health and Safety Competent Person, appointed in accordance with the Occupational Health and Safety Authority Act (Chapter 424 of the Laws of Malta)."* (fol. 59). Minn imkien ma jirrizulta li d-Direttur tar-Restawr dahal f'xi obbligazzjoni li din il-persuna tkun l-attrici.

Minn dawn ic-cirkostanzi hu altru milli evidenti li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attrici u d-Direttur tar-Restawr. M'hemmx dubju li jekk kien hemm xi ftehim dan kien bejn l-attrici u l-konvenuti l-ohra. Ghalkemm fit-trattazzjoni sar accenn ukoll ghal responsabbilta delittwali jew akwiljana tad-Direttur tar-Restawr in kwantu tressaq l-argument li dan il-konvenut naqas milli jizgura li l-kuntrattur ikollu persuna li qeghda tiehu hsieb l-aspett ta' sahha u sigurta fil-post u liema persuna kienet l-attrici, dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-mod kif giet proposta l-kawza. Dan apparti l-fatt li skond il-kuntratt il-kuntrattur kellu l-obbligu li jinnomina persuna li tkun qeghda tiehu hsieb l-aspett tas-sahha u sigurta. Ovvjament jekk f'dan il-kuntest id-Direttur tar-Restawr kiser xi disposizzjoni tal-*Occupational Health and Safety Authority Act*, irid iwiegeb ghall-ommissjoni pero b'daqshekk ma jfissirx li twieled xi rapport guridiku bejnu u l-attrici.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Restawr u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attrici**.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------